# TISLIMA: ANTONIO CAMILLERI
## President 1939-1945



*Antonio Camilleri*
*President 1939-1945.*

Matul din is-sena s-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju tilfet wieħed mill-ex-Presidenti ħabrieka tagħha. Antonio Camilleri ħalla din id-dinja nhar it-3 ta' Marzu. Għall-funeral tas-Sur Camilleri s-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju kienet rappreżentata minn delegazzjoni tal-Kumitat.

Antonio Camilleri żamm il-kariga ta' President tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju bejn l-1939 u l-1945. Dan kien żmien kruċjali għas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju peress li kienu l-istess snin li fihom Malta kienet milquta sew mill-qirda tat-Tieni Gwerra Dinjija. Għalhekk il-qofol ta' dan il-perijodu ta' Presidenza ma kienx karatterizzat l-aktar minn proġetti u ħidmiet iżda aktar mill-isforzi sabiex is-Soċjetà tibqa' magħquda u jiġi protett dak li kien hemm. Minkejja dan, matul il-Presidenza tas-Sur Camilleri tpoġġew il-pedamenti sabiex is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju jkollha l-banda tagħha. Fil-fatt kien proprju waqt il-Presidenza tas-Sur Camilleri li fid-29 ta' Awissu 1944 waslet l-approvazzjoni tal-bidla ta' l-isem mingħand il-Pulizija u b'hekk il-każin sar każin tal-banda bl-isem ta' "The Lily Band Club" minflok "The Lily Club". Pass ieħor importanti kienet d-deċiżjoni għax-xiri tal-każin f'numru 12/13 Pjazza tal-Knisja.


**JAMES GREEN**
**FUNERAL SERVICE**

Irrikorru: 'Green House', St Catherine Street, Qrendi
Tel: 647791 Mobile: 099 4880